MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Talba Numru. 68/2011

**Go p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Marco Mamo (I.D No 539481M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Jannar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u tnejn u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu (€942.19) in konessjoni ma’ servizz provdut mis-socjeta attrici, skond dokumenti pprezentati flimkien mal-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disa’ mija u tnejn u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu (€942.19)bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------